GUDJA

Minuti tat-tmintax-il laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 31 t'Awwissu 2010.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku; | John Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku; | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri; | Anthony Dalli |
| Skużati: | Kunsillieri; | Osvaldo Pace u Mark Anthony Sammut |

Agenda:

1. Approvazzjoni ta' minuti – 17/6 (29/07/2010)
   17B/6 (05/08/2010)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsillieri

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti
   b. Ittri li ntbagħatu
   c. Ittri li rċevejna

4. Tenders(aġġudikazzjoni):-
   a. Tender GLC/03/2010 – Road Works
   b. Tender GLC/04/2010 – Maintenance and reconstruction of pavements (Kerbs & footways)

5. Ħruġ ta' tenders:-
   a. Bulky Refuse Collection
   b. Open Skip service
   c. Upkeep of Public Convenience
   d. Street sweeping and cleaning of urban roads

6. Quarter Financial Report – Apr to Jun 2010

7. Finanzi
   a. Petty Cash
   b. Skeda ta' pagamenti
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

8. Għeluq tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-5.45p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha.

**1.0 Approvazzjoni ta' minuti –** 17/6 (29/07/2010), 17B/6 (05/08/2010)

1.1 Dawn il-minuti ġew moqrija mis-Segretarju Esekuttiv u wara ġew approvati nem con.

1.2.0 Mill-minuti.

1.2.1 Dwar tema 1.2.1 (minuti 29/07/2010). Is-Sur Baldacchino qal li kien staqsa dwar x'kien sejjer issir mill-flokijiet u qliezet li kineu nxtraw peress li dak it-tournament għal Jum il-Gudja 2010 ma sarx. Is-Sindku wieġeb li peress li dan il-tournament ma sarx huwa jifhem li l-Kunsill iħalli ftit taż-żmien u b'hekk dawn il-gerijiet u qliezet ikunu jistgħu jintużaw f'xi Tournament ieħor li jorganizza l-Kunsill.

1.2.2 Dwar tema 2.3.2 (b) (minuti 29/07/2010). Fuq mistoqsija tas-Sur Dalli dwar jekk il-Kunsill kienx irċieva xi risposta bil-miktub mingħand is-Sur Calleja (ħaddiem ta' l-IPSL), is-Segretarju Esekuttiv wieġeb li l-Kunsill ma kienx irċieva ebda risposta bil-miktub mingħand is-Sur Calleja. F'dan l-istadju s-Sindku qal illi s-Sur Calleja kien baqa jopponi l-ordinijiet li jingħata dwar xogħol assenjat lilu (Sur Calleja) u jagħmel ħafna kummenti li bijhom jista' jisfratta l-ħaddiema l-oħra assenjati mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi s-Segretarju Esekuttiv għandu jikteb lis-Sur Calleja sabiex iwieġeb bil-miktub jekk għadux iħossu komdu jaħdem mal-Kunsill Lokali Gudja.

1.2.3 Dwar tema 4.3 (Minuti 29/07/2010). Il-Kunsill qabel li għandu jiġi preċiżat illi kemm jista jkun il-Mitt (100) siegħa jintużaw f'Sibtijiet u f'Ħdud u l-mitt (100) siegħa oħra jintużaw matul il-ġurnata tal-Ġimgħa.

1.2.4 Dwar tema 3.1.1 (minuti 05/08/2010). Triq Sta Katarina li tgħati għal Triq San Ċiru. Il-Kunsill qabel li titwaħħal mera kif ikun possibli ma xi arblu u jekk dan ma jkunx possibli peress li l-arblu jista' joħloq inkonvenjent jinkiseb il-permess tas-Sinjura Catherine Mifusd sabiex din il-mera titwaħħal mal-proprjeta tagħha.

## 2.0 Kommunikazzjonijiet

2.1.0 Sindku

2.1.1 Xogħlijiet. Is-Sindku semmgħa d-diversi postijiet fosthom l-inħawi ta' Xlejli u Triq Ħal Tarxien fejn ingħata wiċċ tal-konkos sabiex dawn l-inħawi ikunu aktar aċċessibli speċjalment meta tinżel ix-xita.

Is-Sindku qal li jmiss li tingħata wiċċ konkos parti mit-triq li tagħti għal-kamra tan-nar. Saret diskussjoni dwar l-wiċċ it-triq tkun aħjar jekk tingħata torba meħtieġa sabiex twitti u l-konkos jingħata fuq it-torba. Il-Kunsill qabel dwar dan u għalhekk qabel ukoll li dan ix-xogħol issir fi żmien qasir.

2.1.2 Petizzjoni tar-residenti ta' Vjal it-Torri, Gudja. Is-Sindku preżenta din il-petizzjoni lill-Kunsill. Saret diskussjoni dwar dak li jista jagħmel il-Kunsill bil-mezzi limitati tiegħu sabiex ir-residenti ma jitilfux il-fiduċja fil-Kunsill u dwar ir-responsabilita tal-Gvern Ġentrali dwar li jagħmel sewwa din it-triq peress li r-residenti ta' din it-triq ħallsu l-kontribuzzjoni tagħhom sa żmien ferm ilu sabiex din it-triq issir kif jixraq.

Il-Kunsill qabel li din il-petizzjoni tintbagħat lill-Onor Ministru Austin Gatt, lill-Onor Ministru Geroge Pullicino u lill-Onor Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said.

Il-Kunsill qabel ukoll li jkompli jistħarreġ dwar dak li għandu jagħmel sabiex inaqqs it-tbatija ta' dawn ir-residenti. Il-Kunsill qabel ukoll illi jekk fi

zmien qarib ma jkunx hemm risposta pożittiva mill-Gvern Ċentrali, il-Kunsill jiġbed l-attenzjoni tal-media dwar l-istat ta' din it-triq u dwar it-tbattijiet li qed isofru bla bżonn il-ħafna residenti li jgħixu f'din it-triq.

2.1.3 Triq Ħal Resqun. Is-Sindku qal li sar jaf li fetħa li tagħti għal dak imsejjaħ 'Picnic Area' ġiet magħluqa b'biċċa ħadida u xi ktajjen. Is-Sindku qal li wara din l-art hekk magħluqa qed ikun hemm inġenji kbar u ma jagħamluhiex possibli għal kull min irrid jidħol fil-Picnic Area. Il-Kunsill qabel li jinforma lil Mepa dwar dan sabiex tieħu passi meħtieġa.

2.2.0 Viċi-Sindku

2.2.1 Proġett Ġnien 31 ta' Marzu 1979. Is-Sur Baldacchino qal li kellu laqgħa mal-Perit William Lewis (Perit appuntat mill-Kunsill) dwar ix-xogħlijiet meħtieġa. Is-Sur Baldacchino qal li qed jiġi konsiderat li jintuża ġebel tas-sejjiegħ, issir paving li jixraq kif ukoll issir pompa ta' l-ilma sabiex jinħoloq l-aħjar ambjent.

2.2.2 Ftehim fuq bażi PPP mal-Gudja United Football Club. Is-Sur Baldacchino qal li flimkien mas-Segretarju Esekuttiv huwa ħadem fuq dan il-ftehim u li draft agreement issa intbagħat għall-approvazzjoni tas-Segretarju Parlamenti Dr. Chris Said u lic-Chairman tal-Kunsill Malti għall-Isport sabiex jikseb l-approvazzjoni meħtieġa.

2.2.3 Toqgħob għan-nar tal-Festi ġewwa Triq Bir Miftuħ Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li flimkien mas-Sur Dalli kellhom laqgħa kordjali ħafna mad-diriġenti tal-każini tal-Banda, dak taċ-Ċintura u dak ta' La Stella u ġiet anke iffirmata pjanta miż-żewġ soċjetajiet flimkien dwar fejn u kemm qed jipproponu li jsiru t-toqob meħtieġa f'Triq Bir Miftuħ peress li jidher li mhux possibli aktar li jinħaraq nar ta' l-art qrib l-iskola Primarja Gudja.

Il-Kunsill qabel li jkompli jaħdem sabiex it-toqob meħtieġa jitħaffru bla dewmien peress li ġewwa l-Gudja jiġu ċelebrati żewġ festi sekondarji f'Ottubru li huma ferm għal qalb il-Gudjani u li huma ferm popolari mal-Maltin u t-Turisti.

2.3.0 Kunsillieri

2.3.1 Sur Anthony Dalli

a. Toqob għan-nar tal-Festi ġewwa Triq Bir Miftuħ. Is-Sur Dalli qal li jħoss li huwa sinifikanti ħafna li l-Kunsill ħadem maż-żewġ każini tal-banda ġol Gudja u kiseb ftehim dwar dan li għandu jservi fil-futur meta l-Kunsill ikun jixtieq jikseb l-ko-operazzjoni u l-parteċipazzjoni taż-żewġ każini flimkien.

b. Servizz ta' Customer Care Sigurta Soċjali. Is-Sur Dalli qal li dan is-servizz intlaqa sewwa u li minnu qed jibbenefikaw r-residenti tal-Gudja li qed jaraw fil-Kunsill bħala servizz essenzjali. Is-Sur Dalli qal li l-Kunsill qed jiġi ukoll mitlub sabiex jgħin Kunsilli oħra li jixtiequ li jagħtu dan is-servizz mill-uffiċċju tal-Kunsill tagħhom.

c. Spustar t'arblu ta' dawl quddiem id-dar 'L-Għan Tagħna', Triq Pietru Gagliardi Gudja. Is-Sur Dalli qal li dan l-inkonvenjent ilu jseħħ sa mis-sena 1996 u għalhekk hemm il-ħtieġa li l-Kunsill jgħin dwar dan. Il-Kunsill qabel li jressaq dan għandu l-Engineer responsabbli u tiġi

organizzata laqgħa ma' l-uffiċċjali tal-Enemalta mas-Sur Lolly Gatt sabiex jiġi mistħarreġ dak kollu possibli sabiex jitneħħa l-inkonvenjent preżenti.

d. Ostaklu li minnu qed isofri Peter Farrugia anzjan ta' 83 sena. Is-Sur Dalli qal li qed ikun hemm ipparkjar ta' karozzi li jħallu żgur li ma jagħmluhiex possibli li dan l-anzjan joħroġ minn daru peress li guża l-bastun u ma jkunx jista' jgħaddi qalb il-vetturi. Il-Kunsill qabel li jieħu passi meħtieġa sabiex issiru sinjali sabiex ma jsirx ipparkjar l ijfixkel lil dan l-anzjan.

**3.0 Rapporti**

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 Arloġġ tal-venda. Il-Kunsill innota illi minkeja li Traport ta' Malta (TM) ġiet infurmata li dan ilu wieqaf minn qabel il-15 t'Awwissu 2010 dwar dan għadu ma sar xejn. Il-Kunsill qabel li sssir il-prezzjoni meħtieġa sabiex dan l-arloġġ jissewwa bla aktar dewmien.

3.1.2 Il-Kunsill qabel li jagħmel dak kollu meħtieġ sabiex l-ilment kif rappurtati jiġu segwiti ħalli kull inkonvenjent jitneħħa kemm jista jkun bla dewmien.

3.2.0 Ittri li ntbagħatu

3.2.1 Il-Kunsill ħa konjużjoni dwar l-ittri li ntbagħtu u qabel li jsegwi l-progress tat-talbiet tal-Kunsill kif meħtieġ.

3.3.0 Ittri li rċevejna

3.3.1 Il-Kunsill ħa konjużjoni dwar l-ittri li rċevejna u qabel li jieħu l-passi meħtieġa u segwi l-progress kif meħtieġ.

**4.0 Tenders (aġġudikazzjoni)**

a. Tender GLC/03/2010 – Road Works
b. Tender GLC/04/2010 – Maintenance and reconstruction of pavements (Kerbs & footways)

4.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi dawn it-tenders li kienu jikkonsistu f'sitta għal tender 03/2010 u sebgħa għal tender 04/2010, ġew miftuħa fil-preżenza tiegħu, tal-Kunsillier Dalli u s-Segretarju Esekuttiv u li sar rapport dwar dawn l-offerti.

4.2 Il-Kunsill qabel li l-Perit William Lewis jagħmel r-rapport tiegħu sabiex jassisti lill Kunsill dwar l-għażla ta' l-aħjar offerta. Il-Kunsill jieħu deċiżjoni dwar l-għażla finali wara li jirċievi r-rapport tal-Perit u dan għandu jsir fi żmien qasir peress li xogħlijiet għandhom jibdew fi żmien qasir.

## 5.0 Ħruġ ta' tenders:-

a. Bulky Refuse Collection
b. Open Skip service
c. Upkeep of Public Convenience
d. Street sweeping and cleaning of urban roads

5.1 Il-Kunsill qabel li joħroġ dan it-tenders u li għandhom jagħluq fit-22 ta' Settembru 2010 nofsinhar.

5.2 Is-Sur Baldacchino qal li fl-Street Sweeping għandu jkun hemm 'sweeper'. Fil-kuntratt għandu jiġi ċċarat li l-knies għandu jsir ukoll f'ħinijiet speċjali, fil-ġranet tal-festi sabiex b'hekk jiġi evitat il-ħlas ta' overtime.

5.3 Fil-kuntratt dwar il-latrini pubbliċi għandu jiżdied il-ftuħ ta' ġimgħa sħiħa u li fil-festi jiżdied il-ħin sa nofs il-lejl u anke sas-1.00 ta' filgħodu kif ikun meħtieġ.

5.4 Fil-kuntratt dwar il-bulky refuse il-ġbir għandu jkun dak ta' nhar ta' Tnejn u dak ta' nhar ta' Ħamis.

**6.0 Quarter Financial Report – Apr to Jun 2010**

6.1 Il-Kunsill ra u approva l-Quarter Financial report – April sa Ġunju 2010, kif ippreżentat u qabel li dan jiġu preżentati lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif meħtieġ.

**7.0 Finanzi**

7.1 Petty Cash. L-iskeda tal-Petty Cash għax-xahar ta' Lulju 2010 b'ammont ta' €84.05 ġie approvat kif ippreżentat.

7.2 Skeda ta' pagamenti. Is-skeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Awwissu 2010 għas-somma ta' €21319.68 ġiet approvata kif ppreżentata wara li ġew imwieġba l-mistoqsijiet dwar xi ammonti murija fuq l-istess skeda ta' pagamenti.

7.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet.

7.3.1 Għotien fir-roundabout fl-inħawi tal-Palazz Bettina.

7.3.2 35 toqba u tappieri fi Triq Bir Miftuħ Gudja.

7.3.3 Xiri ta' azzar għat-tiżjin tal-Milied fil-Housing Estate tal-Mitħna.

7.3.4 Xiri ta' erba' bollards:- waħda fi Triq R. Caruana ktr ma' Triq Sta Katarina, Triq Rużar Formosa ma' Triq William Baker u bnadi oħra kif meħtieġ.

7.3.5 Xogħol ta' konkos (kif meħtieġ) fit-Teatru Grieg Ġnien R. Caruana Gudja.

7.3.6 Il-Kunsill approva dawk it-talbiet għal xiri u xogħlijiet msemmija f'dawn il-minuti tal-laqgħa.

**8.0 Għeluq tal-laqgħa**

8.1 Policy dwar il-posti tal-gabbani għaż-żmien tal-festi ġewwa l-Gudja. Il-Kunsill iddiskuta li peress li n-nar ta' l-art sejjer jiċċaqlaq se jkun possibli li dawn il-posti jkunu fi Triq San Mark biswit l-iskola primarja tal-Gudja, faċċata ta' Ġnien R. Caruana Gudja. Il-Kunsill qabel li l-posti għall gabbani ta' l-ikel ikunu sa massimu ta' tmienja (8) posti. Gabbani tal-ġelat sa massimu ta' tnejn (2), tal-Qubbajt jarmaw fil-pjazza.

Il-Permessi tal-Kunsill jinfetħu għaxar (10) tijiem qabel il-ġurnata tal-festa u tinżamm is-sistema ta' bażi ta' first come, first served.

Għandu jiġi enfasizzat li tinżamm l-indafa stretta u min ikun uża l-post kif indikat mill-Kunsill għandu jnaddaf wara l-attivita.

8.2 Ħtieġa ta' lampa fi Triq Bettina, Gudja. Il-Kunsill qabel li ssir taħriġ fejn tista' titwaħħal din il-lampa meħtieġa u li jintuża l-apparat eżistenti għand il-Kunsill.

8.3 Wirja ta' snajja antiki Maltin li se tkun imtella mis-Sur Loreto Dalli f'isem Wild ir-Raħal tal-Gudja fit-28 t'Ottubru 2010. Saret diskussjoni dwar din l-attivita u l-kontenut kemm edukattiv kif ukoll kulturali u artiġjanat. Il-Kunsill qabel li jagħti s-sostenn meħtieġ dwar din l-attivita.

Il-Kunsill iddeċieda li l-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino u l-Kunsillier is-Sur Pace jiltaqgħa mas-Sur Loreto Dalli sabiex tinkiseb aktar informazzjoni dwar din l-attivita u b'hekk jiġi assikuart li din l-attivita tkun fl-aħjar interess tal-Gudja u li tkompli tiġbed unur lejn il-Gudja u r-residenti kollha tal-Gudja.

8.4 Sejħa għall-offerit dwar l-attivitajiet Villaġġ tal-Milied fil-Gudja. Fuq talba tas-Sur Baldacchino il-Kunsill qabel li jagħmel sejħa ta' offerti u wara tkun tista issir għażla mill-Kunsill.

8.5 Binja li qegħda titla fi Triq San Ċiru ktr ma' Triq Bettina Gudja. Il-kunsill iddiskuta li din il-binja tiela bil-mod ħafna u li t-tower crane eżistenti qed ikun kawża ta' inkwiet u inkonvenjent.

Il-Kunsil qabel li jikteb lill-MEPA dwar dan u dwar il-ħlasijiet jekk dovuti lill-Kunsill dwar dan it-tower crane li juża u jiżgombra parti mill-aċċess ta' Triq Bettina.

8.6 Il-Laqgħa intemmet fid-8.45p.m.

8.7 Il-laqgħa li jmiss sejra ssir fit-23 ta' Settembru 2010 fil-5.30p.m. fuq agenda li tintbagħat aktar il-quddiem.

8.8 Jekk ikun hemm bżonn tista tissejjaħ laqgħa tal-Kunsill li tkun qabel din il-laqgħa stabbilita.

Joseph M. Formosa
Segretarju Esekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati: _______________